MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2025

Appell Inferjuri Numru 18/2024 LM

**Helen Zammit Camilleri (K.I. numru 162070(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**CCGM Pension Administrators Limited (C 77072)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Helen Zammit Camilleri (K.I. numru 162070(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-7 ta' Marzu, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-ilment tagħha fil-konfront tas-soċjetà appellata

**CCGM Pension Administrators Ltd (C 77072)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-fond tal-pensjoni fl-ammont ta' €54,605.55, li l-appellanta kienet ittrasferiet lis-soċjetà appellata taħt *Conservative Investment Strategy,* u li kien jirrappreżenta s-sitt snin ta' servizz li hija kienet tat lill-Istituzzjonijiet Ewropej. Wara li l-appellanta kienet ġiet impjegata fi Frar 2021 mill-Parlament Ewropew, hija kienet għamlet talba lill-istess istituzzjoni sabiex titrasferixxi l-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni tagħha. Iżda fil-frattemp fit-30 ta' April, 2022, hija kienet irtirat mill-impjieg tagħha, u fl-1 ta' Mejju, 2022, bdiet taħdem ma' istituzzjoni Ewropea oħra, jiġifieri mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħala *Contract Agent* għal erbgħa snin. Wara diversi komunikazzjonijiet min-naħa tagħha, l-appellanta rċeviet tweġiba mingħand is-soċjetà appellanta fit-30 ta' Settembru, 2022, bil-valur tal-ekwivalenza attwarjali li kien intbagħat lill-Istituzzjonijiet Ewropej fil-25 ta' Ottubru, 2022, fis-somma ta' €49,786.14, skont valur riżultanti fid-data għaxar xhur wara li hija kienet għamlet it-talba għat-trasferiment. L-appellanta għalhekk kienet ilmentat minn dan il-fatt fis-27 ta' Ottubru, 2022.

**Mertu**

3. L-appellanta ppreżentat ilment quddiem l-Arbitru fid-9 ta' Awwissu, 2023, fil-konfront tas-soċjetà appellata, fejn ressqet is-segwenti talbiet:

*"I. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-valur tal-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni tal-esponenti li għandu jitħallas lill-Kummissjoni Ewropea huwa dak ta' €57,820.04ċ, kif vvalutat minn CCGM Pension Administrators Ltd fil-31 ta' Diċembru 2021.*

*II. Tordna lil CCGM Pension Administrators Ltd iħallas l-ammont ta' €57,820.04ċ lill-Kummissjoni Ewropea* ai termini *tal-Artiklu 11§2 ta' Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal Għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-28 ta' Awwissu, 2023, fejn stqarret:

*"Filwaqt li aħna ma nikkontestawx l-iskedi taż-żmien tal-avvenimenti kif ipprovduti mill-ilmentatur, nemmnu li ċerti rappreżentazzjonijiet li saru fl-ilment huma qarrieqa, jew minħabba ambigwità, eżaġerazzjoni jew ommissjoni; fir-rigward tal-eżistenza u l-firxa ta' kwalunkwe danni li setgħu ġew imġarrba jew ir-responsabbiltajiet tagħha."*

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Marzu, 2024, l-Arbitru ċaħad it-talbiet tar-rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Having read the Complaint and the reply of CCGM Pension Administrators Limited, (CPAL) having heard the evidence and read the final submissions, the Arbiter shall now proceed to consider and adjudge the case in terms of Article 19(3)(b) by reference to what, in his opinion, is fair, equitable and reasonable in the particular circumstances of the case. The Arbiter has no doubt that the Service Provider needed clear unequivocal specific instructions to liquidate the pension portfolio of the Complainant and that such instructions were only communicated on 27 October 2023. (fn.14: P. 133 - 134) All communication prior to date were evidently requests for information about the valuation of the investments in the pension portfolio which gave no authority to the Service Provider to do anything but submit the information requested. It is undeniable, however, that the Service Provider could and should have handled such enquiries more promptly. However, given the long-term nature of pension investments, no evidence has been provided that such delay has prejudiced the Complainant's position. After all, here we were not dealing with a clean total exit of a pension investment but mere transfer of pension funds to continue to be invested under pension rules. It is a fair assumption that at whatever time the pension*

*investments were transferred out to the EU institution concerned, they would have been immediately re-invested in much the same type of investments suitable for pension funds. The sharp drop in the market value even of conservative investment portfolios as those normally associated with cautious pension investments, was caused by the exceptional circumstances prevailing from the middle of 2022 when Euro interest rates undertook an abrupt turn following the severely changed inflationary environment, principally caused by the war between Ukraine and Russia. Basically, the point is that the market loss of the pension portfolio would have been incurred irrespective of whether the funds stayed with the Service Provider or transferred out to an EU pension plan. (fn. 15: Consider, for example, that a 5-year benchmark Malta Government Bond dropped in value by nearly 21% from the beginning to the end of 2022 when the yield moved from 0.23% to 3.50% (source Central Bank of Malta). Compare this to a drop of some 15.3% from the portfolio value as at end 2021 to date of encashment in November 2023. (see p. 125)) In the circumstances, while finding fault with the quality of service of CPAL, the Arbiter does not agree that this is strong enough to oblige the Service Provider to make good for the market losses as pretended by the Complainant. This also bearing in mind that clear instructions to liquidate the portfolio were only received in October 2023 and then properly and promptly executed.*

***Decision***

*In the circumstances, the Arbiter is ruling against the Complainant and dismissing her complaint. However, as a sign of fault in the quality of service of the Service Provider, the Arbiter is ordering for the costs of these proceedings to be borne by the Service Provider."*

## <u>**L-Appell**</u>

6. L-appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u fis-26 ta' Marzu, 2024 intavolat appell, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-ispejjeż legali jitħallsu mill-intimata, filwaqt li tħassar, tannulla u tirrevoka l-bqija tas-sentenza mogħtija mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fis-7 ta' Marzu 2024, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata CCGM Pension*

> *Administrators Limited, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata CCGM Pension Administrators Limited."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) l-Arbitru m'għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi; u (b) l-Arbitru warrab dak li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal Għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-2 ta' Awwissu, 2024, fejn qiegħda ssostni li l-appell odjern għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha, u dan filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mis-soċjetà appellata, u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett tal-fatti u tal-provi miġjuba]*

9. Permezz tal-ewwel aggravju li qiegħda tressaq, l-appellanta tgħid li hija tinsab aggravata bid-deċiżjoni appellata, għaliex l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi li kellu quddiemu. Tgħid li dawn juru li tassew kien hemm ness bejn it-telf li hija ġarrbet, u l-kawża attribwibbli għall-imsemmi telf li sofriet. Hija tikkontendi li l-Arbitru m'aċċettax il-fatt li t-talba li kienet saret lis-soċjetà intimata fil-15 ta' Novembru, 2021, kienet waħda għat-trasferiment tal-fond tal-pensjoni tagħha, u mhux biss għall-valutazzjoni tal-

istess fond. L-appellanta tgħid li hija ppreżentat diversi provi f'dan ir-rigward, inkluż il-korrispondenza elettronika bejn il-partijiet. Tgħid li l-korrispondenza elettronika li ntbagħtet lilha mill-Parlament Ewropew datata 15 ta' Novembru, 2021, fejn is-suġġett ta' dik il-korrispondenza kien indikat bħala "*Request for the transfer of pension rights",* kienet prova tat-talba għat-trasferiment magħmula fl-istess data, liema talba jirriżulta mill-istess korrispondenza li kienet ġiet rikonoxxuta mill-*Head of Operations* tal-provditur tas-servizz, jiġifieri Greet Van Meel, fis-6 ta' Ottubru, 2022, li ndika wkoll il-valutazzjoni tal-fond tal-pensjoni tagħha fid-data tat-30 ta' Settembru, 2022. Filwaqt li tiċċita dak li qal l-Arbitru dwar meta effettivament saret it-talba tagħha għat-trasferiment, hija ssostni li dan tfixkel bejn it-talba għal direzzjoni dwar fejn kellu jsir it-trasferiment, u t-talba jekk għandux qabel xejn isir tali trasferiment. L-appellanta tirrileva wkoll li l-applikazzjoni 'Dokument F', li kienet ġiet annessa mal-korrispondenza elettronika 'Dokument G'/'Dokument N', kienet *'Application for transfer of pension rights according to Article 11 § 2 and 3 to Annex VIII to the Staff Regulations',* li hija kienet imliet u ffirmat fil-11 ta' Novembru, 2011, u mhux applikazzjoni għal valutazzjoni tal-fond tal-pensjoni tagħha. L-appellanta tikkontendi li *dato ma non concesso* li t-talba tagħha tal-15 ta' Novembru, 2021, kienet biss waħda għall-valutazzjoni tal-fond tal-pensjoni tagħha, talba għal trasferiment ma setgħetx issir qabel tintbagħat il-valutazzjoni tal-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni, u li fil-fatt intbagħtet fil-25 ta' Ottubru, 2022, kif jirriżulta minn 'Dokument K'. Iżda jekk għandu jiġi aċċettat dan l-argument, xorta waħda jirriżulta dewmien eċċessiv għall-fini ta' trasferiment, liema dewmien wassal għal telf fil-portafoll tal-fond tal-pensjoni tagħha. Tikkontendi li n-negliġenza tas-soċjetà appellata wasslet għal telf

irrimedjabbli fil-portafoll tagħha. L-appellanta tirrileva li għalkemm is-soċjetà appellanta għarfet li kien hemm dewmien amministrattiv min-naħa tagħha, hija kienet qiegħda tikkontendi li m'għandhiex taħti unikament għall-imsemmi dewmien minħabba l-fatt li kemm l-Unjoni Ewropeja u anki l-appellanta, ma kienux qegħdin jiġru warajha billi jibgħatu '*chasers'.* L-appellanta tgħid li madankollu rappreżentant tal-imsemmija soċjetà appellata, Gian Marco Maggio, waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2024, xehed li *"there was no input required from her end... there was nothing more that Ms. Zammit Camilleri could have been doing in order to obtain what she was requesting from us",* u għalhekk is-soċjetà appellata stess ammettiet li ma kien hemm xejn iktar li setgħet għamlet l-appellanta min-naħa tagħha.

10. Min-naħa tagħha, is-soċjetà appellata qabel xejn fissret il-verżjoni tagħha ta' kif ġraw il-fatti. Tibda billi b'riferiment għal dak li tgħid l-appellanta dwar l-*email* tas-Sur Lamb, tissottometti li hija ma taqbilx mal-argument miġjub mill-imsemmija appellanta. Tirrileva li din il-komunikazzjoni ma ntbagħtitx fuq l-indirizz uffiċjali tal-*email* tagħha, u barra minn hekk ma ntbagħtet l-ebda kopja permezz ta' xi mod ieħor ta' komunikazzjoni, li permezz tiegħu jiġi assigurat li hija tkun irċeviet l-imsemmija komunikazzjoni. Is-soċjetà appellanta tirrileva wkoll li fl-ewwel korrispondenza tiegħu, il-Parlament Ewropew dejjem indika li hemm il-possibilità ta' trasferiment, iżda qatt ma talab li jsir trasferiment. Hija hawnhekk tiċċita dak li ntqal f''Dokument H' li *"[t]he member of the European Communities staff referred to in the attached request form may **possibly** be interested in transferring pension rights",* li *"we [the European Parliament] would be grateful if you could send us the following information needed to provisionally calculate the rights",* u *"[w]e will inform you in due course of the*

*decision taken by the applicant in response to the proposal that we will send him/her. If the applicant accepts the proposal, we will inform you of the European Parliament bank account number into which your scheme/fund will be requested to pay the amount* *__updated__* *to the date of actual transfer".* Is-soċjetà appellata tissottometti li dan ingħad għaliex kien hemm proċess sħiħ ta' analiżi li kellu jitwettaq min-naħa tal-Parlament Ewropew, wara li dan jirċievi l-informazzjoni u dokumenti meħtieġa. Is-soċjetà appellanta tgħid li jekk l-appellanta kellha raġun, minflok kien ikun hemm indikazzjoni tal-konferma min-naħa tal-appellanta sabiex isir it-trasferiment mixtieq, billi jingħataw ukoll id-dettalji bankarji, li mingħajrhom hija ma setgħet qatt tagħmel it-trasferiment relattiv. Tgħid li madankollu d-dettalji ma ġewx ipprovduti f'Novembru 2021, iżda biss f'Ottubru 2023. Hija tissottometti li mhux minnu dak li tgħid l-appellanta f'paragrafu 18 tar-rikors tal-appell tagħha, għaliex ix-xhud Gian Marco Maggio qatt ma qal li l-appellanta kienet ipprovdiet struzzjonijiet qabel Ottubru 2023. Filwaqt li tiċċita dak li qal l-Arbitru, is-soċjetà appellata tgħid li hawnhekk kienu tajbin il-kummenti tal-Arbitru f'dan ir-rigward. Dwar l-allegat telf li sofriet l-appellanta, is-soċjetà appellata tikkontendi li l-kapital huwa dejjem taħt riskju, fejn il-valur tal-investiment jista' jitla' u jinżel minn ġurnata għal oħra, u wieħed jista' jiġbor inqas minn dak li jkun oriġinarjament investa. Is-soċjetà appellata tgħid li huwa magħruf li fl-2022 is-suq kien sejjer tassew ħażin minħabba l-kunflitti u l-gwerer ta' dak iż-żmien. Tispjega li dan kien ifisser li jekk kien ser isir it-trasferiment allegatament mitlub mill-appellanta, hija kienet ser issofri telf, partikolarment minħabba ċerti limitazzjonijiet imposti fir-rigward ta' *pension plans.* Is-soċjetà appellata tissottometti li l-appellanta ma ġabet l-ebda prova sabiex turi li l-proċess ta' trasferiment seta' ġie ffinalizzat sa

Diċembru tal-2021, u dan fejn tgħid li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-appellanta.

11. Il-Qorti tgħid li l-Arbitru kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Tagħraf li tassew ma jirriżulta l-ebda ness kawżali bejn it-telf allegatament soffert mill-appellanta, u d-dewmien min-naħa tas-soċjetà appellata sabiex twettaq it-trasferiment tal-fond tal-pensjoni tal-appellata. Il-Qorti ssib li sewwa osserva l-Arbitru li s-soċjetà appellata kellha bżonn struzzjonijiet ċari, inekwivoċi u speċifiċi, qabel ma tgħaddi sabiex tillikwida l-portafoll tagħha, u dawn saru biss fis-27 ta' Ottubru, 2023. L-Arbitru korrettement ikkunsidra li kull komunikazzjoni qabel din id-data, kienet biss sabiex tinkiseb l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-investimenti formanti parti minn dak il-portafoll, mingħajr ma ngħatat l-ebda awtorità għal azzjoni ulterjuri. Il-Qorti hawnhekk tagħraf li l-aħjar prova ta' dan hija proprju l-komunikazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u s-soċjetà appellanta[1], fejn fl-ewwel linja jingħad b'mod ċar li *"[t]he member of the European Communities staff referred to in the attached request form may <u>possibly</u> be interested in transferring pension rights which he/she has acquired under your scheme/fund".* Għalhekk fl-istess komunikazzjoni l-Parlament Ewropew talab għall-informazzjoni hemm imfissra, li qal li kienet neċessarja sabiex issir valutazzjoni <u>proviżorja</u> tad-drittijiet li l-appellanta setgħet takkwista fil-*EU pension scheme,* jekk iseħħ it-trasferiment mitlub. Fost l-informazzjoni li ntalbet kien hemm *'(2) the amount available for any such transfer, calculated on the date of request',* u *'(5) any document/authorisation to be completed by the applicant or his/her new pension scheme to enable the*

[1] Kopja *a fol.* 45 tal-atti quddiem l-Arbitru.

*transfer to be made should the applicant confirm his/her request for a transfer'.* Huwa għalhekk li fl-għeluq tal-komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew qal li huwa kien ser jinforma lis-soċjetà appellata bid-deċiżjoni li kienet ser tieħu l-appellanta wara li tingħata l-proposta tiegħu, u f'każ li din kienet ser tiġi aċċettata, huwa kellu jibgħat ukoll in-numru tal-kont bankarju tiegħu sabiex jiffaċilita t-trasferiment tal-iskema/fond tal-pensjoni.

12. Kif sewwa jirrileva l-Arbitru wkoll, min-naħa l-oħra is-soċjetà appellata kienet tenuta twieġeb għar-rikjesta għall-informazzjoni mill-ewwel. Imma l-Arbitru korrettement għaraf ukoll li meħuda in konsiderazzjoni n-natura fit-tul tal-investiment tal-pensjoni, ma saret l-ebda prova li d-dewmien kien ikkawża ħsara lill-appellanta. Huwa għaraf ukoll li wara kollox fi kwalunkwe żmien li l-investimenti kienu ser jiġu trasferiti, dawn kienu ser jiġu investiti mill-ġdid f'investimenti oħra simili adattati għal fond ta' pensjoni. L-osservazzjoni finali tal-Arbitru wkoll hija ta' rilevanza qawwija għall-fini ta' responsabbiltà tal-allegat telf soffert mill-appellanta fil-valur tal-portafoll tagħha. Huwa jirrileva li t-tnaqqis qawwi fil-valur tas-suq, anki fir-rigward ta' portafolli b'investimenti konservattivi kif is-soltu wieħed isib f'dawk tal-pensjonijiet, kienet dovuta għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li seħħew fl-2022, meta r-rati tal-imgħax tal-Euro segwew iż-żieda qawwija fl-inflazzjoni dak iż-żmien, riżultat primarjament tal-gwerra li kienet faqqgħet bejn l-Ukraina u r-Russja. L-Arbitru ġustament għaraf li t-telf fil-valur tal-portafoll tal-pensjoni, kien ser iseħħ irrispettivament minn jekk il-fondi baqgħux mas-soċjetà appellata jew jekk għaddewx fi skema tal-irtirar tal-UE.

13. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-Arbitru warrab dak li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal Għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea]*

14. L-appellanta permezz ta' dan it-tieni aggravju tagħha, tirrileva li l-Arbitru warrab dak li jipprovdi l-Artikolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal Għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tispjega li dan jispeċifika li uffiċjal li jkollu mill-ġdid impjieg attiv ma' Istituzzjoni tal-UE, huwa soġġett li jħallas lura l-pagament tas-*severance grant,* u dan b'imgħax addizzjonali bir-rata komposta ta' 2.9%. Tgħid li din ir-rata kienet tapplika irrispettivament mill-varjazzjonijiet fis-suq u d-diskrepanza riżultanti, li kienet tenuta tagħmel tajjeb hija stess. L-appellanta tikkontendi li għalhekk l-Arbitru kien żbaljat meta stqarr li *"...no evidence has been provided that such delay has prejudiced the Complainant's position".*

Is-soċjetà appellata tikkontendi li l-Arbitru ma kellu l-ebda obbligu li jikkunsidra l-Artikolu li tagħmel riferiment għalih l-appellanta, u li wara kollox jolqot l-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej. Tirrileva li kienet proprju l-appellanta li għażlet li tinvesti s-*severance pay* flimkien mal-pensjoni tagħha, u dan fejn hija kienet taf sew li ma kien hemm l-ebda garanzija li dak li kienet ser tinvesti hija kienet ser tieħdu lura hekk kif tiddeċiedi hi, u mingħajr l-ebda riperkussjoni fejn l-iskemi ta' pensjoni huma soġġetti għal diversi restrizzjonijiet. Is-soċjetà appellata tinsisti wkoll li l-appellata kienet naqset milli turi li hija ma kellhiex fondi oħra sabiex b'hekk setgħet tibbenefika mill-provedimenti tal-Artikolu 4 li

hija tagħmel riferiment għalih. Iżżid tgħid li wara kollox, kien proprju fl-interess tal-appellanta li titlob li jiġu trasferiti l-fondi hekk kif ingħatat il-valutazzjonijiet relattivi, li saħansitra kienu ngħataw diversi drabi qabel l-1 ta' Lulju, 2023. B'hekk hija kienet timmitiga t-telf allegat, li ma kienx wieħed irrimedjabbli kif hija kienet qiegħda tikkontendi.

15. Il-Qorti tgħid li anki hawnhekk l-appellanta m'għandhiex raġun, għaliex kif diġà ġie spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, is-soċjetà appellanta m'għandha l-ebda ħtija għall-allegat telf li sofriet l-appellanta, u dan ukoll fejn setgħu laqtuha b'mod ħażin il-provvedimenti tal-Artikolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti li tagħmel riferiment għalihom. Ċertament ir-riskju kien kollu tagħha meta ddeċidiet li tinvesti s-*severance grant* fil-fond tal-pensjoni tagħha, u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji li nħolqu mill-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukraina bl-ebda mod ma kienu mistennija.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni appellata għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |